**Il-President tal-Parlament Ewropew**
**(Nomini għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)**
**ARENDT 01T072**
**60 rue Wiertz / Wiertzstraat 60**
**1047 Brussell**
**il-BELĠJU**

**Dikjarazzjoni tal-kandidat għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew, id-Dott. Marino Fardelli**

Jien, is-sottoskritt, id-Dott. Marino Fardelli, imwieled Cassino (l-Italja) fid-data .... u residenti fl-indirizz .............., bil-preżenti niddikjara li nissodisfa bi sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2021/1163 li jiddetermina l-istatut u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew (Statut tal-Ombudsman Ewropew).

B'mod partikolari, nikkonferma li:

- jien ċittadin tal-Unjoni Ewropea (kif juru ċ-ċertifikat konġunt u ċ-ċertifikat kumulattiv tar-reġistru pubbliku mehmuża u maħruġa mill-Muniċipalità ta' Cassino, inkluża kopja tad-dokument ta' identifikazzjoni personali tiegħi);
- ingawdi bi sħiħ mid-drittijiet ċivili u politiċi tiegħi (kif juri ċ-ċertifikat tat-tgawdija tad-drittijiet politiċi mehmuż u maħruġ mill-Muniċipalità ta' Cassino);
- noffri l-garanziji kollha ta' indipendenza neċessarji għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' Ombudsman Ewropew (nehmeż is-C.V. tiegħi u dokument li jispjega l-attivitajiet tiegħi bħala Ombudsman tal-Italja u tar-Reġjun tal-Lazio https://www.consiglio.regione.lazio.it/binary/consiglio_regionale/tbl_trasparenzaContenuti/Delibera_11_2021_4_agosto_Elezione_Difensore_Civico.pdf u d-digriet tal-ħatra bħala Ombudsman tar-Reġjun tal-Lazio u r-referenza għall-elezzjoni tiegħi bħala l-Ombudsman tal-Italja https://www.coordifesacivicaitalia.it/?p=1585 kif ukoll ir-rappreżentanza tiegħi bħala Direttur tar-Reġjun Ewropew fuq il-Bord tal-IOI (Istitut Internazzjonali tal-Ombudsman) https://www.theioi.org/downloads/cviod/IOI%2QBoard%20%28EN%29_20240726.pdf);
- nissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex nokkupa l-ogħla karigi ġudizzjarji jew għandi l-kompetenzi murija u l-kwalifiki neċessarji biex neżerċita l-funzjonijiet ta' Ombudsman Ewropew;
- f'dawn l-aħħar sentejn, la okkupajt pożizzjoni fi gvern nazzjonali u lanqas ma kont Membru tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill Ewropew jew tal-Kummissjoni Ewropea;
- qed nehmeż il-formola għall-ġbir ta' firem li fiha **50** firma bl-idejn tal-Membri tal-Parlament Ewropew li ssekondaw il-kandidatura tiegħi għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew.

Barra minn hekk, nintrabat li, jekk ikun elett, nastjeni milli nidħol f'xi attività professjonali oħra, sew bi ħlas sew mingħajr ħlas, kif diġà nagħmel fir-rwol attwali tiegħi kif stabbilit mill-istess Regolament.

- Email:

- Mobile:

Ruma, 26 ta’ Settembru 2024

Marino Fardelli